**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 17 ta' Frar, 2025

**Il-Pulizija**
**(Spettur Omar Zammit)**

**-vs-**

**Jake Said detentur tal-karta tal-Identità Maltija bin-numru 296794M.**

*Kumpilazzjoni Nru.: 139/2025*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Jake Said** u ċioe talli:

**Nhar 28 ta' Jannar 2023 f'xi ħin wara nofsinhar u/jew filgħaxija ġewwa l-fond 54, Sebħ, Triq Ras il-Ġebel, Mġarr:**

1). Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-hajja ta' Martina Peter (persuna li qegħda jew kienet f'relazzjoni miegħu u/jew persuna li għandha tarbija minnu) f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' l-istess Martina Peter u cioe feriti ta' natura ħafifa kif ċċertifikat minn Dr. Matthew James Sacco Med. Reg. 6687;

U aktar talli nhar 12 ta' Frar 2025 u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel, f'ħinijiet differenti, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, f'diversi bnadi ġewwa l-Gżejjer Maltin.

2) Ħebb kontra Martina Peter sabiex jinġurjaha, iddejjaqha jew jagħmilha ħsara, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi u dan bi ksur ta' artikolu 18 u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

3) Għamel inġurji u/jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lil Martina Peter u dan bi ksur ta' artikoli 18 u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Jake Said għall-benefiċċju ta' Martina Peter u dan ai termini ta' artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' Martina Peter u f'każ ta' ħtija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma nhar is-17 ta' Frar, 2025, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali w ċioè wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hu ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

**PIENA**

Fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena l-Qorti qieset in-natura tal-imputazzjonijiet li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-ammissjoni bikrija tal-imputat, tal-fedina penali mtappna tiegħu w taċ-ċirkostanzi kollha l-oħra tal-każ.

**DECIDE**

Ghal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(b), 18, 202(h), 214, 215, 221(1), 339(1)(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu w tikkundannah għal multa ta' mija w ħamsin Ewro (€150). Din il-multa għandha titħallas fi żmien xahar (1) millum.

Inoltre, ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali qed jinħareġ **Ordni ta' Trażżin** fil-konfront tal-imputat favur Martina Peter għal zmien tlett (3) snin millum**.**

Tordna li isem il-vittma ma jixxandarx fuq il-media u mezzi soċjali biex jiġi evitat *secondary victimization* fuqha.

Finalment ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**